MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 429/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Spiteri Warren**
**ID-57287(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' hames mija tmienja, tletin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€538.85c) in konnessjoni ma' 79602663 (AC50726886), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 8 ta' April, 2011. Illi s-somma ta' hames mija tmienja, tletin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€538.85c) fuq indikata hija komposta minn mitejn tlieta u disghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€293.85c) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont

Dokument ‘A’ anness, flimkien ma’ mitejn hamsa u erbghin ewro (€245) dovuti bhala penali skont il-kuntratt.

Illi interpellat diversi drabi  sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2858/12, u bl-imghax mill-4 ta’ Dicembru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-Dokumenti li gew mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.‘A’ sa Dok.‘D’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija, tmienja u tletin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€538.85), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------